Transatlantic Friends of Israel

# STQARRIJI DWAR L-IRAN

## SFOND

L-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) u l-alleati tagħhom dan l-aħħar eskalaw l-imġiba aggressiva tagħhom. Matul din is-sena biss, l-FBI kixfet kumplott bla mistħija ta' Teħeran biex tinħataf attivista Amerikana dwar id-drittijiet tan-nisa fl-Istati Uniti, il-Hezbollah sparaw l-akbar barax ta' rokits fuq l-alleat tagħna Iżrael mill-gwerra tal-2006, l-Iran ipprova jattakka l-konsulat tal-Istati Uniti fl-Iraq ta' Fuq u qatel ċittadin Rumen u ieħor Brittaniku fuq tanker taż-żejt fil-Baħar Għarbi u l-Houthis, ibbażati fil-Jemen, użaw id-drones u l-missili biex jattakkaw miri pajżana fil-Golf, inkluż l-ajruport internazzjonali ta' Abu dhabi.

Minkejja, kooperazzjoni transatlantika soda, hemm inkonsistenzi bejn it-tifsira ta' organizzazzjoni terroristika bejn l-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea. Waqt li t-tnejn iddikjaraw lill-Jiħad Iżlamiku Palestinjan u ddibattew it-tifsira tal-Houthi, l-Istati Uniti biss ddikjaraw lill-IRGC. It-tifsira ta' organizzazzjoni terrostika tal-Hezbollah mill-Istati uniti tkopri l-organizzazzjoni kollha, waqt li l-Unjoni Ewropea tikkunsidra biss "il-fergħa militari" tagħha biss bħala grupp terroristiku.

**Azzjoni deċiżiva – u konsistenza – mill-Istati Uniti u l-komunità transatlantika hija meħtieġa b"urġenza biex titnaqqas l-imġiba ħażina tal-Iran..**

## L-ISTQARRIJA MINN TFI

### AĦNA, LEĠIŻLATURI MIN-NAĦAT OPPOSTI TAL-ATLANTIKU

**u bi ħsibijiet politiċi diversi, ninsabu uniti fit-tħassib gravi tagħna dwar it-thedded dejjem tikber għal paċi reġjonali u globali magħmul mir-Repubblika Iżlamika tal-Iran, l-aktar stat fid-dinja li jisponsorja t-terrur.**

Din it-theddida hija komplikata biss bil-prospett li l-Iran, armat minn missili ballistiċi avvanzati u sinjur bil-fondi biex jiffinanzja l-azzjonijiet ħżiena tiegħu, isir stat nukleari. L-alleanza dejjem tikber tal-Iran mar-Russja u l-fornitura tiegħu ta' drones avvanzati għall-gwerra brutali minn Moska kontra l-Ukrajna turi bil-qawwa l-periklu li r-Repubblika Iżlamika huwa mhux biss għas-sigurtà fil-Lvant Nofsani iżda anke dik tal-Punent.

Huwa għalhekk vitali li s-sħab, l-Istati Uniti, il-Kanada u l-Ewropa, isaħħu l-miżuri biex jegħelbu l- Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC), il-forza prinċipali tar-reġim li qed tifrex terrur intern u estern. Aħna nilqgħu bil-ferħ id-deżinjazzjoni tal-2019 mill-Istati Uniti tal-IRGC bħala Organizzazzjoni Terroristika Barranija (FTO) u nappoġġaw l-impenn kontinwu tal-Istati Uniti li jżomm din id-deżinjazzjoni sakemm l-IRGC tkompli bl-attivitajiet illeċiti tagħha. Mill-bidu tagħha fl-1979, l-IRGC ħolqot u ffinanzjat għadd kbir ta' gruppi terroristiċi fir-reġjun, inklużi, il-Ħizbollah u l-Jiħad Iżlamika Palestinjana. Ir-reġim uża dawn l-alleati terroristiċi biex jifrex il-mewt, it-terrur u l-instabbiltà fil-Lvant Nofsani u lill hinn minnu.

Il-komunità transatlantika għalhekk għandha timponi sanzjonijiet u tiddikjara lill-IRGC, u l-alleati fit-terrur tal-Iran, bħala t-terroristi li huma.